MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 324/2002/1

**Philippa Sammut**
**vs**

**Andrew Abela**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-12 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00), danni fil-vettura Nru. ELE-027 proprjeta` ta' l-attrici li kienet qed tigi misjuqa minn Eleanor Sammut, u li dahlet go fiha xarabank Nru. FBY-782 misjuqa mill-konvenut;**
**Illi kien l-istess konvenut unikament responsabbli stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**
**Illi interpellat biex ihallas, huwa baqa' inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 17 ta' Dicembru, 2001, ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar, 2001, ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz u bl-interessi mid-data ta'**

**l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-8 ta' Ottubru, 2002, fejn intqal illi l-konvenut qed jikkontesta t-talba attrici stante:**
**i. Illi huwa mhux responsabbli ghall-incident de quo;**
**ii. Illi ghaldaqstant m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attrici;**
**iii. Isegwi illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Philippa Sammut, Eleanor Sammut, Alex Magri, PS 91 Michael Buttigieg, Andrew Abela. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fil-21 ta' Ottubru, 2001, wara nofsinhar f'Misrah tal-Madonna Medjatrici, Haz-Zabbar, bejn il-vettura ELE-027 proprjeta` ta' l-attrici u misjuqa minn Eleanor Sammut, u x-xarabank numru FBY-782 misjuqa mill-konvenut. Jigi rilevat li x–xarabank in kwistjoni kienet twila u kienet fuq trasport privat.**
**2. Eleanor Sammut tghid li kienet waslet biex iddur mar-roundabout li hemm f'dak il-lok, waqt li tax-xarabank kien qed jghabbi in-nies, u f'hin minnhom waqt li hi qed timmanuvra r-roundabout, il-konvenut saq ghal fuqha u sehh l-incident. Fil-mument tal-kollizzjoni hi tghidli kienet wieqfa.**
**3. Il-konvenut jghid li kien hiereg ghal go Triq is-Santwarju, u waqaf biex jghaddi t-traffiku, Jghid li kif mar biex ikompli isuq minn warajh giet il-vettura ta' l-attrici. Xehed li hu fil-fatt kien ghabba n-nies. Skond il-konvenut, hu seta' jara warajh, u sakemm qed jaqla, l-attrici giet minn warajh, biex tghaddi mill-genb meta ma kienx hemm minn fejn tghaddi. Skond il-konvenut, l-attrici ppruvat taqbzu minn gewwa.**

**4. Alex Magri, passiggier fil-vettura ta' l-attrici, jikkonferma li x-xarabank kien waqaf biex jghabbi n-nies, u li kif Eleanor Spiteri bdiet miexja lejn ir-roundabout, il-konvenut saq u saret il-habta. Ix-xhud jghid li kienu n-nies li nfurmaw lill-konvenut li habat.**
**5. Rilevanti dak li xehed is-Surgent PS91 Michael Buttigieg, meta jghid li: "Minn fejn kien hiereg il-long bus hemm stop sign u dan kellu jieqaf qabel ma johrog. Tax-xarabank biex jikser fil-posizzjoni li kien kellu jirriversja, peress li kien long bus."**
**6. It-Tribunal jinnota li dak li qed tghid Eleanor Spiteri huwa aktar verosimili. Hi ma kienetx qed taqbex minn gewwa kif qed jghid il-konvenut. Hi kienet qed ser iddur mar-roundabout. Il-konvenut kien wieqaf qed jghabbi, u qala fsalt. F'dak il-hin Spiteri indunat x'kien ser jigri u waqfet u paqpqitlu il-horn. Ma jidhirx li l-konvenut ta' kaz ta' dan l-avvertiment u baqa' diehel. Issa ghandu jinghad li l-fatti specje tal-vettura li kien qed isuq, kienet tali li kellu jezercita fic-cirkostanzi aktar diligenza. Tant hu hekk li l-istess Surgent jghid li dan messu regga lura sabiex jikser. Jidher ghalhekk li il-konvenut qabad u saq u dahal fil-vettura ta' l-attrici li kienet wieqfa.**
**7. L-attrici kellha hsara fuq il-mudgard, mera u bumper tan-naha tax-xellug fuq quddiem.**
**8. L-ammont tad-danni jirrizulta mid-dokumenti esebiti Dok.PS1, PS2, u ES1.**
**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici in kwantu il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00) bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Jannar, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 17 ta' Dicembru, 2001, ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar, 2001, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------